# Strofi miktuba biex jitkantaw fil-processjoni ta' *Lourdes* mil-pellegrini maltin




1

Madonna, jekk l-ilħna
Ta' wliedek jogħġbuk,
Ismagħha t-tislima
Li ġejna natuk.
*Ave...*

2

Mill-gżira xemxija
Li minnha ġejjin
Ġibnielek il-qima
Ta' ħutna l-Maltin:
*Ave...*

3

Qalulna ngħidulek
Li huma jħobbuk:
Din hija t-tislima
Li ġejna natuk;
*Ave...*

4

U l-Fidi, O Marija,
Wasslitna f'din l-art,
Fejn Inti tal-ħniena
Il-għaġeb sawwart.
*Ave...*

5

Xi ħlewwa tas-sema
Fid-dija t'għajnejk !
Kemm hena, kemm barka
Fejn rifsu riġlejk !
*Ave...*

6

Kemm morda fil-ġisem,
Kemm morda fir-ruħ
Hawnhekk sabu s-saħħa
Li nfexxet fi dmugħ.
*Ave...*

7

Għalhekk kull min resaq
Bit-tama lejn l-Għar
Ħass jikbes ġe' qalbu
Ta' mħabbtek in-nar,
*Ave...*

8

U ġnus ta' kull fehma
Ittajret għalik,
Għax rat li b'qawwitu
Ried Alla jagħnik.
*Ave...*

9

Issa inti, O Marija,
Li tifhem it-talb
Ismagħha t-tneħida
Li ħierġa mill-qalb:
*Ave...*

10

Fuq l-art ta' twelidna
Sħab ikreħ għaddej,
Għajb kbir ta' l-imgħoddi
Theddid għal li ġej.
*Ave...*

11

Tħallix, O Madonna,
Fil-mixja tas-snin
Li l-Emna tittiefes
Ta' ħutna l-Maltin.
*Ave...*

6—5—31

DUN KARM

*Bis-sensja tal-Cnisja*

---

Miktuba u mogħtija lill-Opra Maltija "*Pro Malati Lourdes*," mill-wisq magħruf Kittieb Prof. Mons. C. Psaila li jżomm il-Proprietà Letterarja għalih.

Empire Press